# Il-Ħames Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Għażlu sebat irġiel mimlijin bl-Ispirtu s-Santu.*

Atti 6, 1-7

**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**

1F'dawk il-jiem l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied; għalhekk
sar xi tgergir mil-Lhud Griegi kontra l-Lhud, għax dehrilhom li
ma kienx hemm min jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru ta'
kuljum.

2Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: «Mhux
sewwa li aħna nħallu l-kelma ta' Alla biex naqdu fl-imwejjed. 3Mela,
l-aħwa, ħudu ħsieb u agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom
isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din
il-ħidma f'idejhom. 4U aħna nagħtu ruħna għat-talb u
għall-ministeru tal-Kelma.»

5Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu,
bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil
Nikanor, lil Timon, lil Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja.
6Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu idejhom
fuqhom.

7U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; l-għadd tad-dixxipli
kien jiżdied ħafna f'Ġerusalemm, u kotra kbira ta' qassisin kienu
joqogħdu għall-fidi.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 1-2.4-5.18-19

R/. (22): Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,
kif fik hi t-tama tagħna

*Jew*

R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1 Għannu, ġusti, bil-ferħ lill-Mulej;
jixirqilhom ifaħħruh in-nies sewwa.
2 Faħħru l-Mulej bid-daqq taċ-ċetra;
għannulu fuq l-arpa b'għaxar kordi. R/.

4 Għax sewwa hi l-kelma tal-Mulej,
kollox bil-fedeltà huwa għamel.
5 Hu jħobb id-dritt u s-sewwa;
bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. R/.

18 Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu,
fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu,
19 biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom,
u jaħjihom fi żmien il-ġuħ. R/.

# Qari II

*Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali.*

1 Piet 2, 4-9

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu**

Għeżież, 4ersqu lejn il-Mulej, li hu dik il-ġebla ħajja li kienet
imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla
għażiża. 5U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali,
saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu lil Alla
permezz ta' Ġesù Kristu. 6Għax hekk hemm miktub fl-Iskrittura:
«Jien inqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka, magħżula u għażiża;
min jemmen fiha ma jkollux għax jitħawwad.»

7Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ! Għal dawk li ma
jemmnux, din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla
tax-xewka, 8ġebla ta' tiġrif u tfixkil.

Tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma ta' Alla. Għal dan kienu
ddestinati. 9Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon
qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li
sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 6

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, jgħid il-Mulej;
ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja.*

Ġw 14, 1-12

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: 1«Tħallux qalbkom
titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll. 2Fid-dar ta' Missieri
hemm ħafna postijiet. Li ma kienx hekk, kont ngħidilkom: "Sejjer
inħejjilkom fejn toqogħdu?" 3U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa'
niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.
4U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha.»

5Tumas qallu: «Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu
t-triq?» 6Wieġbu Ġesù: «Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Ħadd ma
jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi. 7Kieku għaraftu lili,
kontu tagħrfu wkoll lil Missieri: minn issa 'l quddiem tagħrfuh, anzi
diġa' rajtuh.»

8Qallu Filippu: «Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina.»
9Ġesù wieġeb: «Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma
għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier. Kif tgħidli: "Urina l-Missier?"
10Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? Il-kliem li
ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar
fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu.

11Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal
ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess.

12Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel
l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax
jiena sejjer għand il-Missier.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu